

## **Proposta**

Fl-Att tal-15 ta' Ġunju 2018 Nru 38 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali, isiru l-emendi li ġejjin:

It-Taqsima 4, ir-raba' paragrafu għandu jaqra:

Il-limitu tal-età fit-Taqsima 5 japplika irrispettivament minn fejn ikun stabbilit il-kontrollur tad-*data* jew il-proċessar tad-*data*, jekk l-ipproċessar jikkonċerna tfal li jgħixu fin-Norveġja.

Ir-raba' paragrafu attwali tat-Taqsima 4 isir il-ħames paragrafu l-ġdid.

It-Taqsima 5, l-ewwel paragrafu għandu jaqra:

Il-limitu tal-età huwa ta' 15-il sena għall-kunsens skont l-Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* b'rabta mal-finijiet imsemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

L-Att għandu jidħol fis-seħħ fiż-żmien deċiż mir-Re.